# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 57

21 ta' Awwissu, 2023

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-5.42pm

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier
Joseph Bajda – Kunsillier
Francesca Borg – Ambaxxatur taz- Zghazagh

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kienx hemm

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Josette Vella Magro – Agent Segretarju

# Aġenda Nru. 57

57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 56
57.3 Hatra ta' Agent Segretarju
57.4 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita;
57.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
57.6 Komunikazzjoni mis-Sindku;
57.7 Attivitajiet Kulturali
57.8 Komunikazzjoni
57.9 Ilmenti u Suġġerimenti;
57.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 6/2023;
57.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

57.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

## 57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 56

57.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħat preċedenti Nru. 56 u tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 55 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mid-Agent Segretarju Eżekuttiv.

## 57.3 Hatra ta' Agent Segretarju

57.3.1 Is-Sindku Vella ħabbar li llum għal-laqgħa jilqew fosthom Aġent Segretarju ġdid tal-kunsill is-Sa Josette Vella Magro sakemm eventwalment jinħatar segretarju eżekuttiv ġdid tal-kunsill ta' Sannat. Il-kunsill rċieva notifika permezz ta' emejl li d-dipartiment ħareġ is-sejħa għal dan il-post vakanti. Is-Sindku flimkien mal-kunsillieri awguraw il-ħidma t-tajba lill-aġent segretarju.

## 57.4 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita

57.4.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-proġett ta' riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita.

57.4.2 Is-Sindku beda l-aġġornament billi qal li l-kuntrattur wara l-waqfa minħabba l-festa ta' Santa Margerita, kompla x-xogħolijiet konċernati mal-proġett ta' rinovar u pavimentar tal-pjazza. Ix-xogħol kompla billi qed isir it-tkomplija tas-sodda tal-konkos fejn l-statwi l-qodma fil-bidu ta' Triq ta'Ċenċ kif ukoll it-tkomplija tas-'shallow Service Culvert' minn fejn spiċċa sad-dar l-qadima ta' l-arċipriet. Dan se jitkompla għal-fatt li l-parroċċa talbet biex tittaqqab toqba u jkun jista jgħaddi l-wire għal-aerial tar-radju tal-kommunita li jinsab fuq il-bejt taċ-ċentru. Gie deċiz li l-'feeder pillar' ma jkunx fuq il-bankina għax dan se joħloq inkonvenjent u għalhekk se jitpoġġa f'kantuniera wara l-istatwi l-qodma.

57.4.3 Wara li jitlestew dawn ix-xogħlijiet, se jibda mmedjatament il-pavimentar li wasal fi tliet kontainers u qed jinżamm fl-għalqa ta' l-arċipriet wara ftehim sar bejn il-kuntarattur u l-kleru tal-parroċċa. Il-kunsill għamilha ċara mal-kuntrattur li d-deadline li ġie estiż b'xahrejn minħabba ċirkustanzi li l-kuntrattur ma setax jaħdem irid jiġi rrispettat jiġifieri sa l-aħħar ta' Diċembru.

57.4.4 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn xi residenti rigward is-sistema tal-'one way' li qed titħaddem bħalissa. Huma saqsew fuq il-possibilita li din tinżamm għax ġiet milquha ħafna. Is-Sindku rċieva wkoll suġġeriment biex l-istatwi l-qodma jitpoġġew fuq in-naħa ta'wara l-

knisja, imma ssemma il-fatt li dawn jistew joħolqu nkonvenjent rigward ostoklu fejn jidħol aċċessibilita.

57.4.5 Il-kunsill għadu qed jistenna mingħand SHE fuq ix-xogħlijiet li jridu jsiru taħt il-planki li tpoġġew fuq il-ġibjun li nstab. Il-kuntrattur, li ta' min jgħid li ma kienux parti mix-xogħlijiet maħsuba poġġa żewġ katusi biex l-ilma ma jibqax jiġi għal ġol-ġibjun, u għalhekk ikun jista jitnaddaf u kkurat, bil-ħsieb li dan ikun eventwalment ikun ta' attrazzjoni bħala mużew.

57.4.6 Il-kuntrattur lesta l-konka tas-siġra ta' L-Awrikarja li tinsab fil-pjazza. Il-kunsill baghat emejl permezz tal-project manager tal-proġett lid-direttur fi ħdan il-Ministeru għal-Għawdex fuq it-tisqija ta' din is-siġra, liema talba ġiet approvata. Skond il-botonista għandha tissaqqa madwar 150 litru ilma fil-ġimgħa. Is-Sindku saħaq li l-kunsill dejjem ħadem favur il-protezzjoni ta' din is-siġra għal kuntrarju ta' xi NGO partikulari li qalu li l-kunsill kien se jaqla s-siġra bħala parti mil-proġett. Il-kunsill rċieva kritika wkoll għal-fatt li nqalew is-siġar ta' l-Oleander, liema siġar kellhom jinqalew għal-fatt li ftit minnhom jkienu morda, oħrajn mqaċċta u oħrajn li l-fjura ma kinitx taqbel għax kienu tħawwlu wara u ġew rilokati, b'waħda is-siġar tħawwlet fid-daħla tar-raħal u issa qabdet sewwa . Dan ir-rapport fuq is-siġar kien ikkumissjonat mil-botonista li tqabbad apposta bl-approvazzjoni ta' L-ERA.

57.4.7 Rigward id-disinn3D ta' l-isem ta' Sannat se jkun għoli madwar 1.2m u se jitpoġġa fid-daħla tar-raħal. Se jitħawwlu siġar ħodor wara d-disinn, kif ukoll sigra ta' l-Oleander kull naħa – waħda bajda u waħda ħamra simbolu tal-bandiera Maltija. Taħt id-disin se jitwaħħlu RGP light system li jkun jistew jixegħlu b'kuluri differenti skond l-okkazzjoni partikulari.

57.4.8 Il-kunsillier Tewma saqsa dwar il-bollards fir-roundabout ta' Triq Sannat għal-fatt ukoll li tqaċċtet oħra, bis-Sindku jwieġeb li dawn se jsiru fl-aħħar tal-proġett kif miftiehem fejn anki se jinżebew l-linji u jitwaħħal id-dawl artifiċjali maħsub. Il-kunsillier Tewma saqsa wkoll fuq it-tkomplija ta' L-asfaltar tal-qasam ta' Sannat, bit-tweġiba tkun li l-kuntratt ġie iffirmat bil-kuntrattur se jkun l-istess wiehed li qed jagħmel il-pjazza. Is-Sindku kien avviċinat mil-kuntratur imsemmi f'Ġunju biex ikun jista jibda x-xogħlijiet, imma billi kienet ġejja l-festa u għal-fatt ukoll li kienet se jsir it-tiġrija taż-żwiemel, ix-xogħlijiet ma setewx jibdew. Ix-xogħlijiet jinkludu it-tqejid tal-katusa tas-'second class water', water storm culvert minn żewġ naħat, concrete gutter u mbagħad isir l-isfaltar mill-ġdid.

57.4.9 Fuq il-bonavostri taz-zuntier, l-perit tal-proġett ma kienx kuntent bis-samples provduti mill-kuntrattur. Għalhekk ġie deċiż li z-zewġ periti konċernati jinteqew mal-persuna li qed tagħmel id-disinni u l-lavur tal-bonavostri biex jifteħmu eżatt x'inhu mistenni mingħandu.Il-moll sar to scale minn naħa tal-perit u ġie mgħoddi lill-kuntrattur

57.4.10 L-Aġent segretarju tal-kunsill, irċieva dawn il-kontijiet relatati max-xogħol tal-proġett tal-pjazza mill-laqgħa preċedenti l'hawn u li dawn se jintbagħtu lid-Direttur tal-EcoGozo (MGOZ) ġa la darba jiġu approvati mill-Kunsill. Dawn il-kontijiet huma:

Il-Kunsill qabel li dawn jiġu approvati.

## 57.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

57.5.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet

57.5.2 Il-kunsillier Bajada saqsa lis-Sindku jekk il-tqejjid tal-pavimentar ġiex subcontracted mill-kuntrattur lil terzi persuni. Is-Sindku qal li sinċeramant ma kienx jaf iwieġeb għax ma ġietx diskussa mal-kuntrattur, pero jaf ċert li dawn se jkunu barranin x'aktarx ta' nazzjonalita Taljana u jrid jitqijed kollu sa' l-aħħar ta'Ottubru.

57.5.3 Il-Kunsillier saqsa fuq il-dawl tal-knisja, bis-Sindku jwieġeb li din hija prerogativa tal-kuntrattur Richard Cauchi. L-arbli tad-dawl se jeħlu kollha flimkien f'darba biex jitpoġġew fl-istess żmien.

57.5.4 Il-kunsillier Gauci saqsa fuq il-one way ta' Triq ta' Cenċ, fejn is-sindku qal li qed tiġi diskussa mat-transport Malta biex din tibqa permanenti anki għal-fatt li ntlaqet tajjeb mir-residenti.

## 57.6 Komunikazzjoni mis-Sindku

57.6.1 Is-Sindku beda l-kommunkiazzjoni minn naħa tiegħu billi qal li it-tindif madwar ir-raħal ħa spinta kbira bi skema proposta li qed taħdem. Is-Sindku ħabbar ukoll li ħaddiem ġdid is-Sur Brian Falzon ġie assenjat mal-kunsill mingħand il-Ministeru għal Għawdex u se jkun parti mill-ħaddiema li jnaddfu t-toroq tar-raħal. L-kunsill se jkollu ħames kenniesa u saret skeda ta' matul il-ġimgħa kif se jitnaddaf ir-raħal. It-Tnejn, L-Erbgħa u l-Gimgħa se jkunu jnaddfu it-toroq assenjati waqt li t-Tlieta u l-Hamis se jkunu jaqtew il-ħaxix. Ħaddiem wieħed is- Sur Anthony Cutajar se jkun il-ġimgħa sħiħa jnaddaf it-toroq b'nhar ta' Tlieta jkollu Triq il-Kbira u l-Ħamis Triq Qortina u Triq 20 ta' Lulju. Is-Sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera li jekk jaraw xi nuqqasijiet fit-tindif jirrapurtaw immedjatament lill-kunsill. L-aġent Segretarju ġibdet l-attenzjoni li nhar ta' Tnejn xi resident li x'aktarx mhumiex mir-raħal joħorġu l-borza s-sewda. Il-kunsill se jerġa jinforma lir-residenti bis servizzi li joffru l-kunsill fejn jirrigwarja skart u tindif offruti b'xejn kif ukoll l-iskeda ta' matul il-gimgħa ta' ġbir ta' skart.

Is-Sindku ħabbar li l-iskeda tat-tindif hi li ġejja;

It-Tnejn – Triq Skerla, Pallozza Pallina, Pjazza Xelina, Bardan, Kalati, Xabbata l-parti t'isfel, Seguna, Xand aquilina, Gerxija,Pinnur, Ras in-Newwiela, Falkun, Triq L-isqof Davide Cocco Palmieri, L-isqaq ta' Triq Xaman fejn il-mużew,

It-Tlieta – Triq il-Kbira

Erbgħa – Tempju ta' l-imramma, 28 t' April, 10 t' Ottubru, Xabbata l-parti ta' fuq,Harruba, Marsilja, Gruwa, Lazzru Camillieri, Pisoniano, Sqaq Dunastas, Tilliera, Ras in-Newwila, Bebunaq, Falkun

Il-Ħamis – Triq 20 ta' Lulju u Triq il-Qortina

Gimgħa- Durell, Dun luqa, Santa marija, Tin, Xaman, Zabbetta, Kbira, Vincenzo Caruana Spiteri,Moxa, San adeodato, Moxa, Blat,Ikbiex,

Il-kunsill qabel ma' din l-iskeda ta' tindif kif ukoll s-servizzi relatati ma ġbir ta' skart u se jintbagħat fuljett kemm bil-lingwa Maltija kif ukoll bil-Lingwa Ingliża fid-djar tar-residenti Sannatin.Il-kunsill qed ifakkar ukoll li t-tindif ta' Triq Ta' Ċenċ, Triq Sannat, il-Pjazza Santa Margerita huma responsabilta tal-Ministeru għal Għawdex. Ser isir ukoll kampanja edukattiva fuq il-mezzi socjali tal-kunsill. Il-kunsill se jitlob il-koperazzjoni tar-residenti.

57.6.2 Il-perit Stellini fassal Traffic management ġdid ta' Triq Dun Luqa, liema pjan ġie approvat minn Transport Malta. Is-Sindku ressaqha quddiem l-kunsilliera għall -approvazzjoni. Is-Sindku qal li l-kunsill qed isib diffikulta finanzjarja biex isiru d-dwal artifiċjali speċjalmet fejn qed jinfetħu toroq ġodda. Xi snin ilu kienet talba lid-dipartiment biex tizdied l-allokazzzjoni finanzjarja. L-inġinier ġie mqabbad biex jagħmel rapport dwar xi nuqqasijiet ta' dwal fit-toroq speċjalment triq Skerla biex it-toroq ikunu aktar siguri. Fl-laqgħat preċedenti l-kunsill kien talab lir-reġjun t'Għawdex biex jizdiedu d-dwal, pero l-budġet allokat kien eżawriet. Il-kunsill se jkompli jagħmel t-talbiet tiegħu lir-reġjun.

57.6.3 Il-kunsill rċieva talba biex isir bankina u jsir service culvert mal-binja ta triq ta' Ċenċ li għandha l-gallariji ħerġin il-barra. Il-kunsill qed joġġezzjoni li jitneħħa l-parking u ma jsirx bankina kif inhu mitlub u jekk possibli l-gallariji jigu rtirati. Fil-permess tal-binja irid jsir service culvert fi Triq ta' Cenċ, xi ħaga li hi impossibli peress li għaddejjin numru ta' servizzi ta- l-ilma li huma ndispensabbli.

57.6.4 Il-fondi tar-reġjun t'għawdex se jagħlqu fl-aħħar tas-sena u għalhekk il-fondi li baqa jridu jiġu assorbiti. Hemm fondi li diġa ġew uzati f'attivitajiet kulturali. Hareġ it-tender tal-gibjun ta' Triq il-kbira biex ikun jista jitħammel u jitnaddaf u l-kunsill irid jaġġudika mill-offerti mitfuha dwar il-pavimentar u rinovar. Il-kunsill se jaħtar bord biex jiġi aġġudikat. Minbarra l-fatt li l-fondi jistew jintilfu, hem ukoll li Fl-10 t'Ottubru jiġi mfakkar meta waqew xi bombi fil-gwerra f'dawn l-akkwati.. Is-sena l-oħra saret serata kommemorativa bis-sehem tal-banda, indaqqet is-sirena u nħareq salut. Is-Sindku għandu x-xewqa li f'din id-data jiġi nnagurat l-embellishment maħsub li jinkludi wkoll thaħħwil ta' siġar u fjuri, bankijiet ġodda u nstallazzjoni ta' dawl.

57.6.5 Il-kunsill se jerġa joħrog it-tielet sejħa għax-xiri ta' track elettriku, wara li f-żewġ sejħiet preċedenti ma kienx hemm offerti minn fondi tar-reġjun jekk jerġa ma jkunx hemm offerti mitfuha, l-kunsill se jitlob lid-dipartiment biex imur dirett fuq xi kuntrattur partikulari. Il-Sindku qal li dan it-trakk huwa meħtieġ ħafna għal-użu mill-ħaddiema tal-kunsill fix-xogħol tagħhom.

57.6.6 Rigward il-proġett ta' Coco Palmieri, ntbagħtet korrispondenza mid-dpf fejn qed isaqsu dwar il-proġett li hemm allokazzjoni ta madwar 45,000 euro. Is-Sindku talab permess mingħand il-kunsillieri biex isir talba lill-awtorita ta' l-ippjanar biex dawn il-flus jiġu ttrasferiti fuq l-equipment tal-playing field ta' Triq Marziena, fejn parti minnhom huma fi stat dilapidat u ta' periklu fejn jidħol is-saħħa u sigurta. Bħalissa qed isiru diskussjonijiet mal-Ministeru għal Għawdex fuq possibilta ta' fondi fuq dan il-proġett, liema proġett ma jistax jiskatta qabel ma tkun lesta l-pjazza. Il-pjan ta' din il-pjazza għadu kif kien diskuss fil-laqgħat preċedenti. Is-service culvert kien hem sejħa li ġiet aġġudikata minn Gatt Tarmak Ltd. , u l-kunsill irid ikellem lill-kuntrattur iridx jaħdmu bil-framework l-antik bil-miktub jew inkella terġa toħroġ sejħa oħra.

57.6.7 Rigward il-proġett tal-belvedere ta' 28 t' April, il-permess inħareġ minn naħa ta' l-awtorita ta' l-ippjanar. Ghalkemm il-kunsill ma bbenifikax mill-fondi ta' l-aġenzija Green, il-kunsill qiegħed f'diskussjoni mal-Ministeru għal Għawdex fuq possibilta ta' fondi biex isir dan il-proġett. Is-Sindku qal li rċieva lment minn xi residenti ta' din it-triq li qed jintefa xi skart fit-tankijiet taż-zibel li jinsabu fit-triq. Il-kunsill qabel li għandha isir kampanja edukattiva kif ukoll dawn it-tankijiet jinħaslu aktar spiss u anki jintefa xi kimika apposta. Il-proġett jinkorpora aktar twaħħil ta' siġar, r-railing jiġi sprenjat b'kulur u jiġi spostjat iktar lura, u flok il-bollards se jsiru fanali.

57.6.8 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni rigward il-kameras tas-sigurta ġiet sottomessa, bil-kunsill issa qed jistenna l-eżitu ta' din l-applikazzjoni.

57.6.9 Il-kunsill rċieva korrispondenza rigward ic-charging pillars, fejn qed jipproponu waħda fi triq dun Luqa, waħda fil-pjazza, oħra fi triq Sannat in-naħa t'isfel fejn il-gate ta' l-iskola. Il-kunsill qabel li jintaqew magħhom fejn se jissuġerixxu li tal-pjazza titpoġġa fi triq 28 t' April, ta' dun Luqa isir fil-pjazza ta Ta Ċenċ.

57.6.10 Is-Sindku qal li l-vettura elettrika waslet għal tiġdid tal-polza ta' l-assigurazzjoni li se titħallas minn naħa tal-kunsill.

## 57.7 Attivitajiet Kulturali

57.7.1 Is-Sindku qal li l-attivita tal-beer festival li saret fit-19 ta' Awwissu kienet waħda ta'suċċess. L-aġent segretarja qalet li l-unika kritika li semgħet kienet li ma kienx hemm birra bid-draught. Is-Sindku qal li l-kumpanija ma setgħetx tipprovdi draught beer għax l-attivitita ma kinitx fuq skala kbira. Pero huwa saħaq li għal sena oħra se jkomplu jesploraw kif jista jkun provdut. L-għaqdiet tar-raħal ħadmu bħas-soltu. Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju parlamentari Onor. Alison Civelli, kif ukoll lill-Visit Malta entita taħt il-Ministru Clayton Bartolo ta' l-għajnuna tagħhom biex din l-attivita setgħet tittella. Oriġinarjament l-kunsill kien applika u ngħata l-fondi biex jorganizza festa għaġina, pero l-kunsill ġab fondi ewropej biex itella festa għaġina. Il-kunsill bagħat proposta lid-dipartiment, bill of quantity u l-minuti tal-laqgħa li kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera biex il-fondi lokali jiġu ttrasferiti għall-attivita tal-Beer Festival.

57.7.2 Is-Sindku qal li kif kien propost, l-kunsill se jġib żewġ guest bands quddiem il-kazini fix-xahar ta' Settembru biex ikunu jistew jgħinu li dawn l-istabilmenti fin-negozju tagħhom. Is-Sindku qal li qed jissugerixxi li waħda mill-guest bands se tkun Jolene Samhan u l-grupp tagħha għal fatt li din il-band intlaqet tajjeb fil-beer festival. Is-Sindku stieden lill-kunsillieri li jekk ikollhom xi suġġeriment rigward xi guest band li tista tkun mistiedna jitkellmu miegħu, avolja l-ħin huwa ftit ristrett.

57.7.3 F'Ottubru se jsir attivita ta' Ghana Fest, is-sindku qed jissuġerixxi li l-kunsillier Tewma biex jieħu ħsieb din l-attivita. Bħal ma ġara s-sena l-oħra, il-kunsill ħa jagħmel stedina lill-għaqda drammatika Sannat biex tkun parteċipi mill-organizzazzjoni .

57.7.4 F'Novembru se tittella attivita marbuta mal-world Children's Day, li sfortunatamnet tħassret darbtejn is-sena l-oħra minħabba l -maltemp.

57.7.5 F'Diċembru, ix-xahar marbut mal-Milied, l-kunsill applika għal-fondi Ewropej għal-attivitajiet kulturali bit-tema tal-Milied. Is-Sindku qed jissuġerixxi li jsir kuncert b' muzika mħallta bit-

tema tal-Milied bil-possibilta li jsir fl-apert dejjem jiddependi mill-kundizzjonijiet tat-temp. Meta jsir dan il-kuncert ikun hemm ukoll il-Christmas Market u anki possibilta li l-ġurnata ta qabel ikun hemm xi group entertainment bhal DanuSan. Is-Sindku se jieħu l-parir ta Georgina Gauci fuq dan il-kunċert propost . Il-kunsill irid joħorgu l-espressjoni ta' interess fuq it-tizjin tal-Milied kif isir kull sena. . Ma dawn l-attivitajiet iridu jzidu l-party tat-tfal li ġeneralmet isir fis-26 ta' Dicembru u ser jsir request biex jistiednu membri tal-fire protection. Kif ukoll irid jiġi diskuss anki l-attivita marbuta mal-Milied għall-anzjani u z-zgħazagħ

## 57.8 Komunikazzjoni

57.8.1 L-Aġent segretarju fakkret lill-Kunsill b'Ċirkulari mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl dwar:

Ċirkulari Numru 14/2023 – Tindif tal-*Storm Water Culverts*
Ċirkulari Numru SPI/TW/6/2023 – Approvazzjoni Ministerjali sabiex Kunsill Lokali jipproċedi b'Ġemellaġġ

57.8.2 L-Aġent segretarju fakkret lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-AKL u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

04 ta' Lulju 2023 – Cir AKL 2023/064 – Local Councils activities aired on TVM
10 ta' Lulju 2023 – Cir AKL 2023/065 – Group Life Policy – Membri Eletti
12 ta' Lulju 2023 – Cir AKL 2023/066 – Elderly Services Application
13 ta' Lulju 2023 – Cir AKL 2023/067 – Stedina – Seminar Pensjonijiet: Qabel 1962
14 ta' Lulju 2023 – Cir AKL 2023/068 – Green Public Procurement Workshop 02/08/2023
17 ta' Lulju 2023 – Cir AKL 2023/069 – IDEA Academy Scholarship
17 ta' Lulju 2023 – Cir AKL 2023/070 – European Mobility Week 2023
26 ta' Lulju 2023 – Cir AKL 2023/071 – Save the Date – Upcoming International Conference in September 2023
03 ta' Awwissu 2023 – Cir AKL 2023/072 – Festi u Attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Reġjonali u Lokali fl-Ibliet u l-Irħulasal-aħħar ta' Diċembru 2023
16 ta' Awwissu 2023 – Cir AKL 2023/074 – LCA & IDEA Academy – Benefit from 30% Sponsorship

57.8.3 L-Aġent segretarju fakkret lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn kienu dwar:

12 ta' Lulju 2023 – Students Visit
13 ta' Lulju 2023 – Installation of CCTV Cameras for Security Reasons in Gozo
13 ta' Lulju 2023 – Info Session about the Gozo-European Region of Gastronomy Bid for 2026
18 ta' Lulju 2023 – URGENT REMINDER: Info Session about the Gozo-European Region of Gastronomy Bid for 2026
19 ta' Lulju 2023 – ATTN: Partner Search for Town Twinning Project under the CERV Programme – Deadline: 21st July 2023

21 ta’ Lulju 2023 – ATTN: Tfakkira u Aġġornament re. Skemi tal-Kunsill Reġjonali Għawdex – Kunsill Lokali Ta’ Sannat
25 ta’ Lulju 2023 – ATTN: TFAKKIRA IMPORTANTI: Attivitajiet Gastronomiċifi ħdan il-Kunsilli Lokali Għawdxin – DEADLINE: L-Erbgħa, 26 ta’ Lulju 2023
28 ta’ Lulju 2023 – ATTN: Sessjoni ta’ Informazzjoni fuq il-Ġemellaġġi (Town Twinning) taħt il-Programm Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri (CERV) – Deadline: 20 ta’ Settembru, 2023
02 ta’ Awwissu 2023 – TFAKKIRA ĠENTILI: ATTN: Sessjoni ta’ Informazzjoni fuq il-Ġemellaġġi (Town Twinning) taħt il-Programm Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri (CERV) – Deadline: 20 ta’ Settembru, 2023
04 ta’ Awwissu 2023 – FOR YOUR ATTENTION – Proġetti Ambjentali – Ministeri u entitajiet – Ġabra ta’ informazzjoni IRTIRATHA
11 ta’ Awwissu 2023 – ATTN: Proġett Caritas Malta – Adolescent Pathways – Assistenza mill-Kunsilli Lokali fil-Proġett!
14 ta’ Awwissu 2023 – Cir AKL 2023/073 – Notifika fuq ġbir tal-iskart fuq il-mezzi soċjali – fil-15 t’Awwissu, nhar Santa Marija, ser tinġabar il-borża s-sewda bħas-soltu
16 ta’ Awwissu 2023 – Questionnaire: Training Needs Analysis for Arts Council Malta

## 57.9 Ilmenti u Suġġerimenti

57.9.1 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna fejn ilmentat rigward boroż taż-żibel u ħaxix ħażin fiTriq tal-Gruwa in-naħa ta’ fuq.

57.9.2 B’ referenza għall-ilment numru 23/2023, residenta li toqgħod fi Triq Saguna talbet li ssir l-bankina quddiem ir-residenza tagħha. . Is-Segretarju Eżekuttiv informhom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ permess tas-sistema tal-Works Request System sabiex ikun jista jsir dan.

57.9.3 B’ referenza għall-ilment numru 24/2023, resident ġibed l-attenzjoni li hemm ħajt imwaqqa’ il-ġewwa minn Triq Bardan. . Is-Segretarju Eżekuttiv informhom li din it-talba intbagħtet lilMGOZ permess tas-sistema tal-Works Request System sabiex ikun jista jsir dan.

57.9.4 L-Arċipriet bagħat imejl fejn ġibed l-attenzjoni sabiex il-kuntrattur jirranġa il-katusa ta’quddiem il-kappella, jitnaddaf il-munzell ta’ trab u titranġa l-ħofra tad-drenaġġ li hemm fuq il-bankina dan għaliex huma ta’ periklu għan-nies li jkunu miexja. Il-kuntrattur ħa ħsieb dan l-ilment.

57.9.5 Il-Kunsill irċieva diversi ilmenti peress li hemm ħafna ħass fl-slip way ta’ Mgarr ix-Xini u saħansitra anke qed jiżolqu u jweġġgħu n-nies. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li bagħat imejl lil MGOZ sabiex tiġi solvuta din l-problema u nevitaw inċidenti. Is-Sindku qal li l-ħaddiema tal-ministeru ġew u naddfu din l-islip way. Il-Viċi-Sindku qalet li rċievet ilmejt li xi ħadid tat-tarag fil-bajja ta’ Mġarr ix-Xini inqala biex jissewwa. Is-Sindku qal li dawn inqalew għax issaddu minn naħa tal-beach cleaners, bil-ħaddiema tad-direttorat fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex qed jibdluhom għal stainlessteel.

57.9.5 B’ referenza għall-ilment numru 25/2023, residenta li toqgħod fi Triq 28 ta’ April, ilmentat rigward dustbins li hemm f’ din it-triq. Hija issuġġeriet li dawn jinqalgħu min ħdejn il-bankijiet u jitpoġġew f’area fejn ma hemmx bankijiet.

57.9.6 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ permess tas-sistema tal-Works Request System sabiex issir bankina ġdida ma binja fi Triq Palazz Palina. Il-Ġardinar li hemm assenjat fil-Ġnien tal-Bidwi ġibed l-attenzjoni li hemm bank imkisser fil-Ġnien tal-Bidwi.Il-kunsill qabel li trid tinbidel.

57.9.7 B' referenza għall-ilment numru 26/2023, resident li joqgħod fi Triq il-Kbira talab li ssir bankina ġdida quddiem ir-residenza tiegħu.

57.9.8 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-Intervention Team – MGOZ rigward tabella mkissra fl-junction ta' Triq Sannat.

57.9.9. Diversi residenti ġibdu l-attenzjoni rigward bozza li ghandha teħel ma arblu ġdid fi Triq Ta' Ċenċ kantuniera ma Triq Skerla.

57.9.10 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Kbira sabiex jerġgħu jinżebgħu linji sofor f' din it-triq. Din it-talba intbagħtet lil MGOZ permess tas-sistema tal-Works Request System sabiex ikun jista jsir dan.

57.9.11 Resident bagħat imejl fejn ilmenta rigward tabella li hemm fi Triq Ta' Ċenċ kantuniera ma Triq Santa Marija peress li din ma tidhirx, bil-konsegwenza li xufiera jibqgħu għadejjin. Huwa talb sabiex issir oħra biex jiġu evitati l-inċidenti. Il-kuntrattur li qed jagħmel il-pjazza infurmat biex iwaħħal it-tabella.

57.9.12 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand residenta fejn ilmentat rigward vetturi li qed jgħaddu minn quddiem ir-residenza tagħha u qed issibuha diffiċli jdawwru. Minħabba f'hekk qed jitilgħu fuq il-bankina, li ġiet miksura kemm il-darba. Hija ilmentat ukoll li qasmu l-kattusa tal-ilma li ġejja mill-bitħa interna u li barxu kemm il-darba l-faċċata bl-aħħar inċident kważi faqa' l-bieb. Hija talbet sabiex issir xi ħaġa qabel issir xi inċident. Il-kunsill ser jirranġa din il-bankina Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta fejn għaddit suġġeriment sabiex fil-Ġnien tal-Bidwi isiru ftit aktar bandli addattati għat-tfal għax li hemm huma minimi ħafna. Hija ġibdet l- attenzjoni li hemm picnic bench imkisser. Is-Sindku qal li waħda mill-kundizzjoniet tal-permess maħruġ hu li ma jistewx isiru bandli. Il-kunsillier Tewma saqsa fuq il-pixxina taż-żwiemel, bis-Sindku jwieġeb li l-kunsill għamel talba għal devoluzzjoni ta' l-art li s'issa għadha ma ngħatatx.

57.9.13 B' referenza għall-ilment numru 27/2023, residenta li toqgħod fi Triq Ta' Ċenċ talbet li titkompla l-bankina peress li hemm biċċa nieqsa. Din it-talba intbagħtet lil MGOZ permess tas-sistema tal-Works Request System sabiex ikun jista jsir dan. Is-Sindku qal li din kien hemm tarġa, pero l-awtorita ta' l-ippjanar talbuha biex titneħħa ha jkun jista joħroġ il-compliance certificate.

57.9.14 Resident bagħat imejl fejn irringrazzja lil Kunsill talli saret mera ġdida fi Triq Ta' Ċenċ.

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand perit li bagħtet f' isem klijent tagħha li għandu propjetà fi Triq Palazz Palina. Hija qalet li triq se tidħol ġo parti mill-propjetà tiegħu. Il-kunsill se jitkellem mal-perit tal-kunsill u ser jsir laqgħa mar-resident biex jiġu ċċarati l-fatti.

Is-Sindku qal li fi triq Zabbatta intalbu li jsiru xi double yellow lines u bollord tal-ħadid. Il-kunsillier Tewma saqsa fuq l-asfaltar ta' Triq Zabbetta, liema talba qed tiġi diskussa mal-ministeru għal Għawdex.

57.9.15

57.9.16 Is-Sindku qal li jrid jinħatar bord biex apparti l-aggudikazzjoni tat-tender tal-pavimentar kif ġie diskuss fil-laqgħa jiġi aggudikat ukoll t-tender tas-sala tal-kazin rigward il-gypsum u l-għamara. Is-Sindku ħatar lill-Viċi Sindku bħala chairperson, Is-Sa Vella Magro segretarja tal-bord flimkien mal-kunsilliera Tewma u Gauci kif ukoll l-inġinier tal-kunsill Christian Cordina.

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda t.a' pagamenti 6/2023

**57.10**

57.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 6/2023 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-Viċi Sindku Galea. L-aġent s-Segretarju qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Tewma u ssekondata mill-Kunsillier Gauci. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

**57.11** Il-laqgħa ntemmet fil-6.05p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 5 ta' Settembru 2023, fis-1.30pm

57.11.1 Konfermati, illum 5 ta' Settembru 2023 fis-1.30pm.

| Iffirmati | Iffirmati |
|---|---|
| Philip Vella<br>Sindku | Josette Vella Magro<br>Aġent Segretarju |

57.11.2

0